# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 8 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 431/2018JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MG**

**vs**

**OG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MG, datat 24 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru wiehed, disa', tmienja, wiehed tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1981/1998) hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. MG1);***

*Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018) hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok MG2****;*

*Illi minn dan iz-zwieg taghhom il-partijiet ma twieldu l-ebda tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin hekk kif inhu*

*evidenzjat u dikjarat fil-klawsola tnax (12) tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq surreferit;*

*Illi r-rikorrenti tiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-parijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' OG, datata 22 ta' Marzu 2019, a fol 19, li taqra hekk:

*Illi huwa jikkonferma li jikkonkorru r-rekwiziti ghall-otteniment tad-divorzju u cioe' illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin, li ma hemmx obbligi ta' manteniment bejniethom, u li ma hemmx tama ta' rikonciljazzoni.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MG** xehdet illi l-partijiet izzewgu fit-28 t'Ottubru 1998 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fil-31 t'Awissu 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali wara illi kienu ilhom isseparati *de facto* sa mill-20 ta' Dicembru 2013. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Ikkonfermat illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**OG** xehed u kkonferma u kkorobora x-xhieda tal-attrici.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-28 ta' Ottubru, 1998 (Vide Dok MG1 fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhom ebda ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Sylvana Borg Caruana, datat 31 ta' Awissu 2018 (vide Dok. MG2 fol 4 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien peress illi ilhom isseparati *de facto* sa mill-20 ta' Dicembru 2013;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta pruvat li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attrici rrenxxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**